## 26 ta' April, 1988

## Imħallfin: –

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – *President***
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Ahmed Namek

*versus*

Avukat Dr John Mamo *noe*

## Regolamenti ta' *l-1972* Dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti – Azzjoni Kriminali – Azzjoni Ċivili

*L-attur fittex għal rifużjoni ta' ammont imħallas għall-bejgħ ta' karozza għaliex ippretenda illi ħallas aktar minn dak permess mir-regolamenti. Appell minn sentenza fuq l-ewwel tliet eċċezzjonijiet.*

*Ma hemm xejn fir-regolamenti li jeskludi l-azzjoni ċivili: il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx teskludi dik Ċivili. Il-Qorti sabet illi l-azzjoni eżerċitata mill-attur ma kinitx dik ta' danni imma dik għal rifużjoni ta' ammont imħallas in eċċess.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, wara li ppremetta li in forza ta' kuntratt tas-7 ta' Ġunju, 1982, huwa xtara mingħand is-soċjetà konvenuta *karozza tal-marka Fiat "Argenta 2000" Registration number* Z 1600 bil-prezz hemm indikat ta' tlett elef tmien mija u ħamsa

u għoxrin lira maltija (Lm3825.00,0) kif jidher mill-anness dokument immarkat Dok. A, li kull ma kien dovut f'din it-transazzjoni ġie mħallas kollu mill-attur mal-konsenja tal-karozza kif ukoll ġew imħallsa separatament aċċessorji u spejjeż oħra li kienu dovuti, li però fid-dawl u in forza tar-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti l-prezz effettivament imħallas mill-attur lill-konvenut *nomine* għall-akkwist tal-vettura fuq indikata huwa esaġerat, infatti skond dikjarazzjoni magħmula mill-*Customs Department* hemm anness immkarata Dok. B il-prezz C.I.F. tal-vettura hu elfejn seba' mija u disgħin lira Maltija (Lm2790.00,0) li miegħu għandu jiżdied biss il-qliegħ li l-konvenut *nomine* jista' jagħmel skond il-liġi u li hu ekwivalenti għal wieħed u għoxrin punt zero tnejn ħamsa fil-mija (21.025%) u ċjoè ħames mija u sitta u tmein lira Maltija disa' u ħamsin ċenteżmu u seba' milleżmi (Lm586.59,7) u b'hekk il-prezz ġust tal-vettura għandu jkun ta' tlett elef tliet mija sitta u sebgħin lira Maltija, disa' u ħamsin ċenteżmu u seba' milleżmi (Lm3376.59,7) u mhux tlett elef tmien mija ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm3825.00,0) kif ġiet mibjugħa lilu; li b'hekk l-attur ġie li ħallas lill-konvenut *nomine* l-ammont ta' erba' mija u tmienja u erbgħin lira Maltija erbgħin ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm448.40,3) aktar milli kien imissu jħallas, li l-attur għandu l-istat diplomatiku u għalhekk ma jitħallasx dazju fuq il-vettura u ma jitħallsux *charges* oħra li normalment jitħallsu u li l-konvenut *nomine* ġie interpellat diversi drabi, anke uffiċjalment, biex jirrifondi l-ammont imħallas żejjed lilu però dan la qatt irrisponda u lanqas ħallas, – talab għar-raġunijiet premessi li (1) jiġi ddikjarat u deċiż minn dik il-Qorti li l-prezz fuq indikat u mħallas effettivament mill-attur lill-konvenut *nomine* għall-akkwist tal-vettura *Fiat "Argenta 2000" Registration Number* Z 1600 huwa eċċessiv fid-dawl u in forza tar-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti; (2) l-eċċess imħallas

jiġi *likwidat* u stabbilit minn dik il-Qorti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi; u (3) finalment il-konvenut *nomine* jiġi kkundannat minn dik il-Qorti jirrifondi lill-attur l-eċċess hekk *iddikjarat* u *llikwidat* in forza ta' l-ewwel żewġ domandi taċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Frar, 1984, u bl-imgħaxijiet legali *mid*-data ta' l-istess ittra *uffiċjali* kontra l-konvenut *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa (1) illi ċ-ċitazzjoni ta' l-attur hija dikjaratament u unikament impostata fuq ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti ta' l-1972 u skond dawn ir-Regolamenti r-rifużjoni lix-xerrej tista' biss tiġi ordnata mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali bħala konsegwenza ta' kundanna għal kontravvenzjoni relattiva u għalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi; (2) għall-istess raġuni, ċjoè illi l-azzjoni ta' l-attur hija bbażata fuq l-istess regolamenti, ġaladarba ma ttieħdu l-ebda proċeduri penali kontra l-eċċipjenti għar-rigward tal-fatt allegat mill-attur, l-azzjoni tiegħu mhux legalment sostenibbli – il-fatt biss illi l-ordni tar-rifużjoni magħmula mill-Qorti Kriminali jikkostitwixxi titolu esekuttiv esegwibbli bi proċeduri ċivili, mhux talli ovvjament ma jfissirx illi tista' ssir azzjoni ċivili *indipendenti* għall-*kundanna* għar-*rifużjoni*, iżda talli jikkonferma illi l-kundanna għar-rifużjoni tista' tingħata biss mill-Qorti Kriminali; (3) subordinatament l-azzjoni kriminali hija preskritta u għalhekk hi preskritta wkoll kwalunkwe azzjoni ċivili allegatament derivanti mis-supposta kontravvenzjoni u dana a termini tar-Regolament Numru 23(3) ta' l-imsemmija Regolamenti u ta' l-artikolu 2259(1) tal-Kodiċi Ċivili; (4) dejjem subordinatament u mingħajr preġudizzju ta' l-eċċezzjonijiet preċedenti r-Regolamenti invokati mill-attur, inkwantu

jirrigwardaw il-profitt ta' l-importatur, ma japplikawx għal oġġetti li fuqhom m'hemmx dazju, kif inhu l-każ tal-karozza mixtrija mill-attur; u (5) fi kwalunkwe każ il-prezz li tħallas mill-attur huwa ġust u legali, – salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-17 ta' Ottubru, 1986 li biha rrespinġiet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenut, l-ispejjeż inkorsi ma' dik id-deċiżjoni, jibqgħu riservati sal-finali ġudizzju, u li biha ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni għat-12 ta' Jannar, 1987 fid-9.00 a.m., u dana wara li kkunsidrat li:

Fil-fatt l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenut għad li huma differenti huma kollha bbażati fuq l-istess argument ewlieni tal-konvenut u ċjoè talli li l-leġislatur ħaseb għal dawk il-persuni li jkunu jippretendu li ħallsu żejjed fil-prezz ta' xi *Commodity* u dana permezz tas-*Supplies and Services Act 1947* stess. In fatti l-konvenut qiegħed jippretendi li ħa l-leġislatur permezz ta' l-art. 23 ddispona li "*Any person who contravenes or fails to comply with any of these regulations shall be guilty of an offence against these regulations*". Fl-istess art. 23(2) hemm ukoll li "*Offences agains these regulations shall be deemed to be contraventions*", u kwindi bħala tali fis-sub-artikolu sussegwenti nsibu l-prezzijiet stabbiliti għal kull trasgrezzjoni;

Is-sub-artikolu 9 ta' l-art. 23 ta' din l-Ordinanza jgħid li "*The Court by which a person is found guilty of an offence against these regulations – shall order the offender to refund to the person to whom the commodity had been sold, such portion of the price charged as the Court shall fix or such amount as was in excess of the minimum price fixed*", u wara hemm ir-riserva li għamel riferenza għaliha l-konvenut fin-nota ta'

osservazzjoni tiegħu u ċjoè *"Saving the right of the person to whom the refund is due to recover the amount by civil process before the competent Court for which purpose the order for the refund made by the court of Magistrates shall constitute an executive title and may be enforced by the creditor after two days following the service on the debtor of a demand for payment made by a judicial act"*;

Skond id-dispost ta' dan l-art. 23 ta' l-Att Nr. 1 1947 allura biex jiġi protett il-konsumatur kull min jikkontravvjeni l-istess huwa soġġett għall-proċeduri kriminali u pieni f'każ ta' ħtija. Biex jittieħdu proċedura kriminali f'każijiet simili però x'aktarx irid ikun rapport mill-parti li tkun tħoss li talbet aktar. F'każ simili tali parti wara sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati tkun qiegħda f'posizzjoni tajba għaliex kull ma trid tagħmel biex tiġbor dak li hi tkun talbet żejjed huwa li tagħmel ittra uffiċjali wara s-sentenza lid-debitur u tesegwixxi mingħajr ma għandha bżonn tagħmel kawża;

Minn dan kollu, skond il-konvenut, joħroġ li l-unika Qorti li għandha ġurisdizzjoni f'każijiet fejn xi parti tħoss li tkun ħallset żejjed u trid taġixxi biex tiġbor dak li tkun ħallset żejjed hija l-Qorti tal-Maġistrati. In fatti l-istess konvenut f'każ fejn xi parti jkun tal-fehma li hu kien ħallas aktar milli hemm stabbilit, din għandha bil-fors taġixxi billi tagħmel rapport lill-pulizija biex tieħu passi kontra d-debitur talli jkun ikkontravvjena l-liġi. Fil-fehma ta' l-istess hija l-uniku rimedju li tali parti għandha biex tiġbor id-differenza. In sostenn ta' dan l-argument huwa jsemmi wkoll li l-fatt biss li l-ordni għar-rifużjoni magħmulha mill-Qorti Kriminali jikkostitwixxi titolu esekuttiv. Kwindi għalhekk skond il-konvenut din il-Qorti hija eskluża milli jkollha ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' xi azzjoni simili kontra xi debitur

għall-indebitu;

Apparti dak li ntqal fuq minn eżami ta' l-Ordinanza *"de quo"* ma jirriżulta minn imkien aktar mill-istess li dak li hemm dispost f'din l-Ordinanza huwa ad esklużjoni tal-ġurisdizzjoni f'każi simili. Din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet abbli tad-difensur tal-konvenut u hi tal-fehma li kieku l-leġislatur ried hekk kien jispeċifika ċar u tond hekk permezz ta' xi artikolu *ad hoc* u billi m'hemmx hekk kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk għandha ġurisdizzjoni wkoll f'kawża introdotta minn persuna kontra oħra li kontravveniet din l-ordinanza a detriment tagħha u b'hekk ħarġet l-obbligazzjoni tar-radd tad-differenza fil-prezz. Kwindi għalhekk l-eċċezzjoni l-oħra tal-preskrizzjoni ta' sena rigward il-proċedura kriminali kkontenuta fl-artikolu 23(3) ma tapplikax għall-każ . Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li hemm provvist fil-*"proviso"* ta' l-artikolu 23(3) u ċjoè *"provided that proceedings in respect of an offence against these regulations may be commenced at any time within one year"* ma japplikax għall-azzjoni istitwita mill-attur *ai termini* ta' l-artikolu 1070 tal-Kodiċi Ċivili. Skond dan *"The action for the recovery of that which may have been unduly given unless prescribed under any of the sections contained in the Title relating to prescription shall be prescribed by the lapse of two years from the day on which the person to whom the action is competent shall have discovered the mistake"*;

M'hemm l-ebda dubju li l-attur f'din il-kawża qed jibbaża l-azzjoni tiegħu *ai termini* ta' dan l-artikolu tal-Kodiċi Ċivili. In fatti dan jirriżulta wkoll mill-verbal irreġistrat fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 1984 fejn ġie hekk iddikjarat mid-difensur ta' l-attur. Mill-premessi fiċ-ċitazzjoni jidher ċar li l-allegazzjoni ta' l-attur hi li hu kien mar jixtri l-karozza msemmija mingħand

is-soċjetà konvenuta u din kienet immarkata Lm3825. Dana xtraha u ħallas l-ammont kollu mitlub. Wara sar jaf li bħala fatt huwa kien ħallas iż-żejjed u speċifikament is-somma Lm448.40,3, u għalhekk huwa qed jippretendi dan l-ammont lura mingħand il-konvenut. Minflok qabad u rrapporta l-każ lill-pulizija huwa għamel din il-kawża;

Hija biex wieħed jgħid hekk regola li meta xi persuna tmur tixtri karozza tiddiskuti l-prezz iżda ħadd fil-prattika ma joqgħod isaqsi biex jara l-*import licence*, u l-fatturi biex jara kemm fil-fatt huwa l-*Cost Price* tal-karrozza biex imbagħad huwa jħallas dak l-ammont flimkien mal-persentaġġ li hu permess skond il-liġi. Ix-xerrej għandu jkun fil-posizzjoni li meta jsaqsi l-prezz ta' oġġett joqgħod fuq il-prezz li jitolbu tal-ħanut. F'dan il-każ l-allegazzjoni hi li l-attur ħallas iż-żejjed għaliex ħa żball fil-prezz u b'hekk ġie li ħallas iż-żejjed. Dan huwa każ simili bħal dak deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Spiżjara Magro *vs* Kontrollur tad-Dwana" fl-1979. F'dan il-każ ukoll il-Qorti kienet laqgħet it-talba ta' l-attriċi għar-rifużjoni ta' dazju żejjed li kienet talbet bi żball lill-konvenut Kontrollur. Għalhekk jidher li dak li ppremetta l-attur huwa kollu bbażat fuq il-pretensjoni tiegħu li ma hi xejn ħlief talba għar-rifużjoni ta' somma flus li tħallset indebitament. Il-paragrafu numru 4 fiċ-ċitazzjoni ad eżempju huwa proprju fuq hekk, "li billi b'hekk l-attur ġie li ħallas lill-konvenut *noe* l-ammont ta' Lm448.40,3, aktar milli kien imissu ħallas";

Mill-bejgħ tal-karozza fis-7 ta' Ġunju, 1982 sa l-20 ta' Frar, 1984 data ta' l-ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenut *noe* mill-attur ma għaddewx is-sentejn imsemmija fl-artikolu 1070 tal-Kodiċi Ċivili;

Id-difensur ta' l-attur irreleva fin-nota tiegħu li l-art. 7(2) ta' l-Att Numru IV ta' l-1947 kif emendat bil-L.N. 62 ta' l-1982 jiddisponi li *"certificates of costings and related invoices or documents are to be retained by local manufacturers, importers, whole salers, retailers for a a period of two years from their date of issue or until the commodities to which they relate are sold whichever is the later"*. L-iskop ta' emenda ma jidhirx li jista' jkollu ebda skop utili partikolari jekk mhux proprju minħabba l-preskrizzjoni ta' sentejn imposta mill-artikolu 1070 tal-Kodiċi fil-każ ta' indebitu bħal fil-każ in eżami;

Għalhekk jidher li l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenut ma jistgħu b'ebda mod jiġu milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Dr. John Mamo fil-kwalità tiegħu premessa ppreżentata fis-27 ta' Ottubru, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess Avukat Dottor John Mamo fil-kwalità tiegħu premessa li biha għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tas-17 ta' Ottubru, 1986 fl-ismijiet premessi billi tilqa' l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant u tiċħad it-talbiet ta' l-attur appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat Dr. Godwin Aquilina li b'nota tal-15 ta' Ottubru, 1984 assuma l-atti tal-kawża flok Ahmed Namek li siefer permanentement, ippreżentata fl-24 ta' Novembru, 1986;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant *nomine* qiegħed jissottometti illi l-ewwel Qorti imissha akkoljiet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tiegħu. La darba l-ewwel Qorti kienet qablet illi l-azzjoni ta' l-attur hija bbażata esklusivament fuq ir-Regolamenti msemmija fiċ-ċitazzjoni, l-inferenza kellha tkun illi ġaladarba dawk ir-Regolamenti ma jagħtu l-ebda dritt ta' azzjoni ċivili lill-attur, tali azzjoni ma tispettax lilu;

Din is-sottomissjoni tal-konvenut appellant *nomine*, fil-fehma tal-Qorti m'hix aċċettabbli. Ir-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti jiddikjaraw espressament fir-Regolament 23(1) li kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares xi wieħed minn dawk ir-Regolamenti tkun ħatja ta' reat kontra dawk ir-Regolamenti;

Issa skond l-art. 3(1) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili u skond l-art. 6 ta' l-istess Kodiċi l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra;

Għalhekk ir-reati kkontemplati fl-imsemmija Regolamenti jagħtu lok għal azzjoni kriminali kif ukoll għal azzjoni ċivili. L-azzjoni kriminali hija dik ikkontemplata fl-istess Regolamenti u b'mod speċjali fir-Regolament 23. L-azzjoni ċivili hija dik li tista' titwieled mid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili;

Ma hemm xejn fir-Regolamenti li jeskludi l-applikazzjoni ta' l-imsemmija prinċipji legali. Il-fatt li azzjoni kriminali biss

hija kkontemplata fir-regolamenti ma jfissirx li b'daqshekk qiegħed jiġi eskluż id-dritt għall-azzjoni ċivili li jitwieled skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali fuq imsemmija;

Il-fatt imbagħad li r-Regolament 23(9) jimponi fuq il-Qorti tal-Maġistrati l-obbligu li tordna lill-ħati li jħallas lura lix-xerrej l-ammont żejjed li dan ikun ħallas u l-fatt li x-xerrej qed jiġi mogħti d-dritt li jesegwixxi tali ordni bħala titolu esekuttiv bi proċeduri ċivili quddiem il-Qorti kompetenti ma jfissirx li b'daqshekk qiegħda tiġi eskluża l-azzjoni ċivili indipendenti, li skond il-prinċipji ġenerali fuq imsemmija stabbiliti mill-Kodiċi Kriminali tista' titwieled minn reat. Biex ikun hemm tali esklużjoni jeħtieġ li jkun hemm deroga espressa għall-imsemmija prinċipji magħmula mil-leġislatur, ħaġa li ma hemmx f'dan il-każ;

Hija fehma tal-Qorti li l-fatt li l-leġislatur qiegħed jagħti d-dritt lill-Qorti tal-Maġistrati, anzi qiegħed jobbligaha, li tordna l-ħlas lura ta' l-eċċess u l-fatt li l-liġi qiegħda tikkunsidra tali ordni bħala titolu esekuttiv li jista' jiġi esegwit mix-xerrej fi proċeduri ċivili quddiem il-Qorti kompetenti ma jfissirx li b'daqshekk qiegħed tiġi eskluża l-imsemmija azzjoni ċivili imma hija "*un di più*" introdotta biex tiffaċilita l-ġbir ta' l-eċċess imħallas mix-xerrej meta tiġi eżerċitata l-azzjoni kriminali;

Isegwi għalhekk li l-ewwel Qorti għandha ġurisdizzjoni biex tiegħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi u l-azzjoni ċivili ta' l-attur hija legalment sostenibbli għalkemm ma ttieħdu ebda proċeduri kriminali kontra l-konvenut appellant *nomine.* L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet għalhekk huma infondati;

Ikkunsidrat:

Kwantu għat-tielet eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut appellant *nomine* qiegħed jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi hija *kolpita bil-preskrizzjoni ta' sena*. Skond ir-Regolament 23(3) tar-regolamenti l-azzjoni kriminali hija preskritta bil-perijodu ta' sena. L-art. 2259(1) (illum l-art. 2154(1) ) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li *l-preskrizzjoni* applikabbli għall-azzjoni għad-danni naxxenti minn reat hija l-istess bħal dik stabbilita għall-proċeduri kriminali dwar l-istess reat. Kwindi, jissottometti l-konvenut appellant *nomine*, l-azzjoni ċivili wkoll hija preskritta bil-perijodu *ta' sena u din is-sena fil-każ preżenti* kienet għaddiet meta ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Frar, 1984 u kwindi l-azzjoni ċivili hija preskritta;

Fil-każ preżenti jidher *ictu oculi* minn eżami taċ-ċitazzjoni li l-attur appellat mhux qiegħed jeżerċita azzjoni għad-danni. Huwa qiegħed jippretendi li skond ir-Regolamenti fuq *imsemmija* l-prezz ġust kien ta' Lm3376.59,7 u mhux Lm3825 kif ġiet mibjugħa lilu l-karozza u li b'hekk hu "ġie li ħallas lill-konvenut *nomine* l-ammont ta' Lm448.40,3, aktar millli kien imissu *jħallas*" *u qed* jissottometti wkoll illi interpella inutilment diversi drabi lill-konvenut, anke uffiċjalment, biex jirrifondi l-ammont imħallas żejjed. Għalhekk qed jitlob fiċ-ċitazzjoni li jiġi ddikjarat li l-prezz li *ħallas kien* eċċessiv skond ir-Regolamenti, *li l-istess eċċess jiġi* likwidat u stabbilit mill-Qorti u li l-konvenut jiġi kkundannat jirrifondi l-istess eċċess;

*Din ċertament* m'hix azzjoni għar-risarċiment ta' danni, imma għall-ħlas lura ta' dak li ġie mħallas in eċċess għal dak li kien dovut skond il-liġi u kwindi m'hix applikabbli l-preskrizzjoni invokata *mill-konvenut nomine* li tippresupponi *azzjoni* għad-danni naxxenti minn reat;

Ma hemmx għalfejn jiżdied li l-azzjoni ċivili li titwieled minn reat skond l-artikolu 3, Kodiċi Kriminali fuq ċitat mhux neċessarjament tkun azzjoni għad-danni iżda tista' tkun anke azzjoni ta' natura oħra;

Għal dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż ta' dan l-appell għall-konvenut appellant *nomine*. Il-Qorti tordna li l-atti tal-proċess jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.